QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 18 TA' JANNAR 2002

Avviz Nru 630/97DM

"Allied Insurance Services Limited" bhala agenta tas-socjeta estera' 'Legal & General Assurance Society Ltd" w dawn kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Yilmaz Aslan

vs

Carmel Fabri

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas dik is-somma ta' mitejn u sitta u disghin lira maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm296.95) okkorrendo jekk hemm bzonn n-nomina ta' periti nominandi, rappresentanti d-danni nkorsi mill-assigurat tad-ditta attrici in konsegwenza tal-kollizjoni li grat fis-26 ta' Gunju, 1996 fuq ir-Regional Road bejn il-van A – 2665 minnhom misjuq u l-karozza LAA 749 proprjeta tal-assigurat liema danni kellha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta assigurattrici skond il-polza w il-ligi.

Bl-ispejjez w l-imghax legali inkluzi dawk tal-ittra bonarja u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 huwa ma kienx bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fl-avviz fuq citat stante li ghall-incident de quo kien unikament responsabbli is-sewwieq tal-vettura LAA 749 minhabba negligenza da parti tieghu biss.

Rat il-verbal tas-6 ta' Mejju 1999 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li l-kontestazzjoni ma tirrigwardax il-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi prodotti dwar r-responsabbilita tal-incident jikkonsistu biss fid-deposizzjoni tal-konvenut Carmel Fabri u tal-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz li min-naha tieghu pprezenta sketch u rapport dwar dak li kkonstata.

Minn dawn il-provi jirrizulta stabbilit illi kien l-assikurat tal-kumpanija attrici li fil-fatt habat fuq wara tal-vettura misjuqa mill-konvenut u ghalhekk kien jikkombi fuq l-atturi illi jippruvaw illi kienet xi manuvra straordinarja tal-istess konvenut illi pprovokat il-habta bejn il-vetturi bil-vettura tal-assikurat tal-atturi tahbat fuq wara tal-vettura tal-konvenut.

Ghalhekk fin-nuqqas ta' xi prova in kontestazzjoni ma' dak li allega bil-gurament il-konvenut, issib illi r-responsabbilta ghal din il-kollizzjoni hija esklusiva ta' Yilmaz Aslan is-sewwieq tal-vettura assikurata mal-kumpanija attrici u ghaldaqstant qieghda tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ29